



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9800/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0159(NLE)

PECHE 183

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Lulju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 344 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd fl-2020 fl-Unjoni u fl-ilmijiet mhux tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 344 final.

Mehmuż: COM(2020) 344 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.7.2020
COM(2020) 344 final

2020/0159 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd fl-
2020 fl-Unjoni u fl-ilmijiet mhux tal-Unjoni**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, fil-każ ta' bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Normalment dawn l-opportunitajiet tas-sajd jiġu emendati diversi drabi fil-perjodu li matulu jkunu fis-seħħ.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-politika**

Il-miżuri proposti huma mfassla f'konformità mal-obiettivi u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma konsistenti ma' politiki oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-politiki fil-qasam tal-ambjent.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-obbligi tal-Unjoni għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jirriżultaw mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku l-ġdid tal-PKS.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni li ġejja: il-PKS hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat, hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta l-miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta tqis il-kummenti li l-partijiet ikkonċernati, il-Kunsilli Konsultattivi, l-amministrazzjonijiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tas-sajjeda u l-organizzazzjonijiet mhux

governattivi għamlu matul is-sena, u l-kummenti tagħhom tqiesu meta kienu qed jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd.

- **Ġbir u użu tal-għarfien esperti**

Il-Proposta tissejjes fuq il-parir xjentifiku¹ tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd huwa ċirkoskritt bl-Artikolu 43(3) tat-Trattat.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżuri proposti mhu se jkollhom l-ebda implikazzjoni baġitarja.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emenda proposta tfittex li timmodifika r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 kif deskritt hawn taħt.

L-inċova fis-subżoni 9 u 10

L-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 34.1.1 tas-CECAF hija speċi b'ħajja qasira, li l-istħarriġ għaliha ġie konkluż f'Mejju. Il-perjodu għall-qabda totali permissibbli (TAC) huwa stabbilit mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara. Dan jiżgura li l-opportunitajiet tas-sajd huma bbażati fuq l-aħjar valutazzjoni possibbli tar-reklutaġġ annwali ta' din l-ispeċi b'ħajja qasira.

Fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123, it-TAC għall-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 34.1.1 tas-CECAF, applikabbli mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021 ġiet stabbilita għal zero sakemm jingħata l-parir xjentifiku l-ġdid. Fit-tieni emenda tal-opportunitajiet tas-sajf għall-2020, it-TAC proviżorja ta' 4 018 tunnellata ġiet stabbilita sat-30 ta' Settembru 2020 biex is-sajd jitħalla jtkompla. Il-parir xjentifiku nħareġ fit-18 ta' Ġunju 2020. It-TAC għall-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2020, jenħtieġ li għalhekk jiġi emendat f'konformità mal-aħħar parir xjentifiku mill-ICES.

Aċċess għall-istokkafixx fl-Ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe

Fir-Rekord Maqbul tal-konsultazzjonijiet dwar is-sajd bejn il-Gżejjer Faeroe u l-Unjoni Ewropea għall-2020, iż-żewġ partijiet qablu li jagħtu lil xulxin aċċess reċiproku għall-ilmijiet ta' xulxin għas-sajd tal-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*) fl-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 fil-limiti ta' 37 500 tunnellata kull wieħed. Kundizzjoni speċjali tillimita l-ammont ta' kemm stokkafixx jistgħu jistadu l-Istati Membri mill-kwoti tagħhom stess fl-Ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe għal ċertu perċentwal

¹ <http://www.ices.dk/community/advisory-process/Pages/Latest-advice.aspx>

tas-sehem totali tal-UE. Dan il-perċentwal jenħtieġ li jirrappreżenta l-proporzjon tad-drittijiet tal-aċċess tal-UE ta' 37 500 tonnallata meta mqabbel mas-sehem totali tal-UE ta' 326 484 tonnallata. Dan jammonta għal perċentwal ta' 11,4 %, li huwa l-ammont li Stati Membri jistgħu jistadu mill-kwoti proprji tagħhom fl-Ilmijiet tal-Gzejjir Faeroe. Dan il-perċentwal, attwalment stabbilit għal 7 %, jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

Aċċess għall-istokkafixx fl-ilmijiet tal-UE

Fir-Rekord Maqbul tal-konsultazzjonijiet dwar is-sajd bejn in-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar arranġamenti għas-sajd apposta fir-rigward tal-ġestjoni tal-istokkafixx u tal-arinġi Norveġiżi (Atlantu-Skandjani) li jirriproduċu fir-rebbiegħa għall-2020, iż-żewġ partijiet ingħataw il-permess li jistadu 190 809 tonnallata ta' stokkafixx fl-ilmijiet ta' xulxin. Kundizzjoni speċjali tillimita l-aċċess tan-Norveġja għas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 4a għal 40 000 tonnallata (f'konformità mar-Rekord Maqbul dwar il-konsultazzjonijiet tas-sajd bejn in-Norveġja u l-Unjoni Ewropea għall-2020). Dan il-limitu tal-qbid fiż-żona 4a jammonta għal 21 % tal-kwota tal-aċċess totali tan-Norveġja fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2, 4a, 5, 6 fit-Tramuntana ta' 56° 30' N u 7 fil-Punent ta' 12° W. Dan il-perċentwal, attwalment stabbilit għal 18 %, jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

Opportunitajiet tas-sajd għall-kapelin fl-ilmijiet ta' Greenland

Il-protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u Greenland jipprevedi li l-Unjoni tirċievi 7,7 % tal-qabda totali disponibbli għall-kapelin (*Mallotus villosus*) li jinqabad fl-ilmijiet ta' Greenland tas-subżoni 5 u 14 tal-ICES. Wara l-parir mill-ICES ta' 169 520 tonnallata, u f'konformità mal-Protokoll dwar is-Sajd bejn l-UE u Greenland, fit-12 ta' Ġunju 2020 Greenland offriet 13 053 tonnallata ta' kapelin lill-Unjoni Ewropea. L-istaġun tas-sajd għal din it-TAC jibda fl-20 ta' Ġunju 2020 u jispiċċa fil-15 ta' April 2021. Fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123, it-tabella tat-TAC għall-kapelin ġiet stabbilita għal zero għall-perjodu bejn l-20 ta' Ġunju 2019 u t-30 ta' April 2020, u għalhekk jenħtieġ li tiġi emendata skont dan għall-perjodu bejn l-20 ta' Ġunju 2020 u l-15 ta' April 2021.

Konsultazzjoni mar-Renju Unit

Billi dan ir-Regolament jeħtieġ jiġi adottat matul il-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, il-Kummissjoni se tikkonsulta lir-Renju Unit f'konformità mal-Artikolu 130(1) ta' dak il-Ftehim.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd fl-2020 fl-Unjoni u fl-ilmijiet mhux tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123¹ jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.
- (2) Fir-Regolament (UE) 2020/123, il-qabda totali permissibbli (TAC) għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 34.1.1 tas-CECAF ġiet stabbilita għal żero. Fit-tieni emenda² tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123, ġiet stabbilita TAC proviżorja biex is-sajd jitħalla jitkompla. L-inċova hija speċi b'ħajja qasira u l-parir xjentifiku nħareġ fit-18 ta' Ġunju 2020. Il-limiti tal-qbid għall-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 34.1.1 tas-CECAF, jenħtieġ li jiġu emendati f'konformità mal-aħħar parir xjentifiku mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u stabbiliti għal 15 699 tonnellata.
- (3) Fir-Rekord Maqbul tal-konsultazzjonijiet dwar is-sajd bejn il-Gżejjer Faeroe u l-Unjoni Ewropea għall-2020, iż-żewġ partijiet qablu li jagħtu lil xulxin aċċess reċiproku għall-ilmijiet ta' xulxin għas-sajd tal-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*) fl-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14 bil-limitu ta' 37 500 tonnellata. Kundizzjoni speċjali fit-tabella tat-TAC tagħti aċċess lill-Unjoni għall-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe u tillimita, fl-għamla ta' perċentwal tas-sehem totali tal-Unjoni, l-ammont ta' stokkafixx li l-Istati Membri jistgħu jistadu mill-kwoti tagħhom stess fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe. Dan il-perċentwal jenħtieġ li jirrappreżenta l-proporzjon tad-drittijiet tal-aċċess tal-Unjoni ta' 37 500 tonnellata meta mqabbel mas-sehem totali tal-UE ta' 326 484 tonnellata ta' stokkafixx. Dan jammonta għal perċentwal ta' 11,4 %, li huwa l-ammont li Stati Membri jistgħu jistadu għalih mill-kwoti proprji tagħhom fl-Ilmijiet tal-Gżejjer

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/900 tal-25 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1838 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2020/123 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2020 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk li mhumiex tal-Unjoni, *ĠU L 207, 30.6.2020, p. 4–14*

Faeroe. Dan il-perċentwal, attwalment stabbilit għal 7 %, jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

- (4) Fir-Rekord Maqbul tal-konsultazzjonijiet dwar is-sajd bejn in-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar arranġamenti għas-sajd apposta fir-rigward tal-ġestjoni tal-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*) u tal-aringi Norveġiżi (Atlantu-Skandjani) li jirriproduċu fir-rebbiegħa għall-2020, iż-żewġ partijiet ingħataw il-permess li jistadu 190 809 tunnellata ta' stokkafixx fl-ilmijiet ta' xulxin. Fit-tabella tat-TAC għall-istokkafixx li tippermetti l-aċċess lin-Norveġja għas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2, 4a, 5, 6 fit-Tramuntana ta' 56° 30' N u 7 fil-Punent ta' 12° W, kundizzjoni speċjali tillimita l-qabda fiż-żona 4a biex ma tkunx iktar minn 40 000 tunnellata (f'konformità mar-Rekord Maqbul dwar il-konsultazzjonijiet tas-sajd bejn in-Norveġja u l-Unjoni Ewropea għall-2020). Dan il-limitu tal-qbid fiż-żona 4a jammonta għal 21 % tal-kwota tal-aċċess tan-Norveġja. Dan il-perċentwal, attwalment stabbilit għal 18 %, jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland min-naħa l-oħra³, u l-Protokoll⁴ tiegħu, jipprevedi li l-Unjoni jeħtieġ tirċievi 7,7 % tat-total tal-qabda disponibbli għall-kapelin (*Mallotus villosus*) li jinqabad fl-ilmijiet ta' Greenland fis-subżoni 5 u 14 tal-ICES. F'konformità mal-Protokoll, fit-12 ta' Ġunju 2020; Greenland offriet 13 053 tunnellata ta' kapelin lill-Unjoni Ewropea biex jinqabad bejn l-20 ta' Ġunju 2020 u l-15 ta' April 2021. Għalhekk, jenħtieġ li t-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-kapelin tiġi emendata skont dan.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2020/123 jiġi emendat skont dan.
- (7) Il-limiti tal-qbid previsti fir-Regolament (UE) 2020/123 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2020 għall-istokkafixx fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2, 4a, 5, 6 fit-Tramuntana ta' 56° 30' N u 7 fil-Punent ta' 12° W, mill-20 ta' Ġunju 2020 għall-kapelin fl-ilmijiet ta' Greenland tas-subżoni 5 u 14 tal-ICES, u mill-1 ta' Lulju 2020 għall-inċova fis-subżoni 9 u 10 u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 34.1.1. tas-CECAF. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet introdotti b'dan ir-Regolament dwar il-limiti tal-qbid, jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ mill-iktar fis possibbli u jenħtieġ li japplikaw retroattivament għall-istokkafixx mill-1 ta' Jannar 2020, għall-kapelin mill-20 ta' Ġunju 2020, u għall-inċova mill-1 ta' Lulju 2020. It-tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti.
- (8) Ir-Renju Unit ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 130(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

³ ĠU L 172, 30.06.2007, p. 4.

⁴ Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland, min-naħa l-oħra (ĠU L 305, 21.11.2015, p. 3).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (UE) 2020/123

L-Annessi IA u IB tar-Regolament (UE) 2020/123 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness IA huwa emendat kif ġej:

- (a) It-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 34.1.1 tas-CECAF tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“

Speċi:	Inċova	Żona:	9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 34.1.1 tas-CECAF
	<i>Engraulis encrasicolus</i>		(ANE/9/3411)
Spanja	7 494 ⁽¹⁾	TAC	prekawzjonarja
Il-Portugall	8 175 ⁽¹⁾		
L-Unjoni	15 669 ⁽¹⁾		
TAC	15 669 ⁽¹⁾		

(1) Il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021.

”;

- (b) Fit-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*) fl-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali taż-żoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8a, 8b, 8d, 8e, 12 u 14, in-nota f'qiegħ il-paġna 1 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“(1) Kundizzjonijiet speċjali: fil-limitu ta' kwantità totali tal-aċċess ta' 37 500 tunnellata għall-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jaqdbu mhux iżjed minn dan il-perċentwal tal-kwoti tagħhom fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe (WHB/*05-F.): 11,4 %.”;

- (c) Fit-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*) fl-Unjoni taż-żoni 2, 4a, 5, 6 fit-Tramuntana ta' 56° 30' N u 7 fil-Punent ta' 12° W, in-nota f'qiegħ il-paġna 2 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“(2) Kundizzjonijiet speċjali: fiż-żona 4a ma għandux jinqabad iktar mill-ammont li ġej (WHB/*04A-C): 40 000

Dan il-limitu tal-qbid fiż-żona 4a jammonta għall-perċentwal li ġej mill-kwota tal-aċċess tan-Norveġja:

21 %”;

- (2) Fl-Anness IB, it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-kapelin fl-ilmijiet ta' Greenland taż-żoni 5 u 14 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“

Speċi:	Kapelin	Żona:	L-ilmijiet ta' Greenland taż-żoni 5 u 14 (CAP/514GRN)
	<i>Mallotus villosus</i>		
Id-Danimarka	2 595	TAC analitika	
Il-Ġermanja	113	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
L-Iżvezja	186	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
Ir-Renju Unit	24		
L-Istati Membri kollha	134 ⁽¹⁾		
L-Unjoni	3 053 ⁽²⁾		
In-Norveġja	10 000 ⁽²⁾		
TAC	Mhux rilevanti		
(1)	Id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit jista' jkollhom aċċess għall-kwota ta' "L-Istati Membri Kollha" biss ladarba jkunu eżawrew il-kwota tagħhom stess. Madankollu, l-Istati Membri b'iżjed minn 10 % tal-kwota tal-Unjoni ma għandhom bl-ebda mod ikollhom aċċess għall-kwota ta' "L-Istati Membri kollha".		
(2)	Għall-perjodu tas-sajd mill-20 ta' Ġunju 2020 sal-15 ta' April 2021."		

”.

Artikolu 2 *Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(1), il-punt (a) għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2020, u l-punti (b) u (c) għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2020.

L-Artikolu 1(2) għandu japplika mill-20 ta' Ġunju 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President